REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1220/2009

tal-14 ta' Diċembru 2009

li jemenda għall-117-il darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi s-sekwestru ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan [1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mis-sekwestru ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-3 ta' Diċembru 2009, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet iddeċieda li jemenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li fuqhom għandha tapplika l-friża ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. Fl-1 ta' Settembru, fit-23 ta' Settembru 2009 u fis-17 ta' Novembru il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti iddeċieda li jemenda d-dejta ta' identifikazzjoni rigward diversi persuni fiżiċi fuq dik il-lista.

(3) L-Anness I għandu b'hekk jiġi aġġornat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
João Vale DE ALMEIDA
Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjoni "Zia, Mohammad (magħruf ukoll bħala Zia, Ahmad); c/o Ahmed Shah s/o Painda Mohammad al-Karim Set, Peshawar, il-Pakistan; c/o Alam General Floor Shop 17, Awami Market, Peshawar, il-Pakistan; c/o Zahir Shah s/o Murad Khan Ander Sher, Peshawar, Pakistan" taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" hija mħassra

(2) L-annotazzjoni "Faycal **Boughanemi** (alias Faical **Boughanmi**). Indirizz: viale Cambonino, 5/B — Cremona, l-Italja. Data tat-twelid: 28.10.1966. Post tat-twelid: Tunis, it-Tuneżija. Ċittadinanza: Tuneżin. Tagħrif ieħor: (a) Kodiċi fiskali Taljan: BGHFCL66R28Z352G, (b) ikkundannat għal 8 snin ħabs fl-Italja fil-15.7.2006. Attwalment detenut fl-Italja" taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Faycal **Boughanemi** (*alias (a)* Faical **Boughanmi, (b)** Faysal **al-Bughanimi)**. Indirizz: Viale Cambonino, 5/B, Cremona, l-Italja. Data tat-twelid: 28.10.1966. Post tat-twelid: Tunis, it-Tuneżija. Ċittadinanza: Tuneżin. Tagħrif ieħor: (a) Kodiċi fiskali Taljan: BGHFCL66R28Z352G, (b) Detenut fl-Italja minn Ġunju 2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 29.7.2005."

(3) L-annotazzjoni "Jamal **Housni** (*alias* (a) Djamel il marocchino, (b) Jamal Al Maghrebi, (c) Hicham). Data tat-twelid: 22.2.1983. Post tat-twelid: il-Marokk. Indirizz: (a) Via Uccelli di Nemi 33, Milan, l-Italja, (b) via F. De Lemene 50, Milan, l-Italja. Tagħrif ieħor: Hu soġġett għat-Tribunal ta' Milan Ordni ta' Kustodja numru 5236/1511 R.G.N.R. tal-25 ta' Novembru 2003 1511/02 R.G.GIP. Ikkundannat." taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Jamal **Housni** (*alias* (a) Djamel il marocchino, (b) Jamal Al Maghrebi, (c) Hicham). Data tat-twelid: 22.2.1983. Post tat-twelid: il-Marokk. Indirizz: (a) Via Uccelli di Nemi 33, Milan, l-Italja, (b) via F. De Lemene 50, Milan, l-Italja. Tagħrif ieħor: F'kustodja minn Ġunju 2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 2.8.2006."

(4) L-annotazzjoni "Fethi Ben Al-Rabei Ben Absha Mnasri (*alias* (a) Fethi Alic, (b) Amor, (c) Omar Abu). Indirizz: (a) Via Toscana 46, Bologna, l-Italja, (b) Via di Saliceto 51/9, Bologna, l-Italja. Data tat-twelid: 6.3.1969. Post tat-twelid: Baja, it-Tuneżija. Ċittadinanza: Tuneżin. Numru tal-passaport: L497470 (Passaport Tuneżin maħruġ fit-3.6.1997, skada fit-2.6.2002). Tagħrif ieħor: f'Jannar 2003 kkundannat fl-Italja għal tmien xhur priġunerija." taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tiġi ssostitwita b'li ġej:

"Fethi Ben Al-Rabei Ben Absha Mnasri (*alias* (a) Fethi Alic, (b) Amor, (c) Omar Abu). Indirizz: Birmingham, ir-Renju Unit. Data tat-twelid: 6.3.1969. Post tat-twelid: Baja, it-Tuneżija. Ċittadinanza: Tuneżin. Numru tal-passaport: L497470 (Passaport Tuneżin maħruġ fl-3.6.1997, skada fid-2.6.2002). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 25.6.2003."

(5) L-annotazzjoni "Fahid Mohammed Ally Msalam (*alias* (a) Fahid Mohammed Ally, (b), Fahad Ally Msalam, (c), Fahid Mohammed Ali Msalam, (d), Mohammed Ally Msalam, (e), Fahid Mohammed Ali Musalaam, (f), Fahid Muhamad Ali Salem, (g) Fahid Mohammed Aly, (h) Ahmed Fahad, (i) Ali Fahid Mohammed, (j) Fahad Mohammad Ally, (k) Fahad Mohammed Ally, (l) Fahid Mohamed Ally, (m) Msalam Fahad Mohammed Ally, (n) Msalam Fahid Mohammad Ally, (o) Msalam Fahid Mohammed Ali, (p) Msalm Fahid Mohammed Ally, (q) Usama Al-Kini, (r) Mohammed Ally Mohammed, (s) Ally Fahid M). Indirizz: Mombaża, il-Kenja. Data tat-twelid: 19.2.1976. Post tat-twelid: Mombaża, il-Kenja. Ċittadinanza: Kenjan. Numru tal-passaport: (a) A260592 (passaport tal-Kenja), (b) A056086 (passaport tal-Kenja), (c) A435712 (passaport tal-Kenja), (d) A324812 (passaport tal-Kenja), (e) 356095 (passaport tal-Kenja). Numru nazzjonali ta' identifikazzjoni: 12771069 (karta tal-identità tal-Kenja). Tagħrif ieħor: Rappurtat mejjet fil-Pakistan f'Jannar tal-2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 17.10.2001" taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Fahid Mohammed Ally Msalam (*alias* (a) Fahid Mohammed Ally, (b), Fahad Ally Msalam, (c), Fahid Mohammed Ali Msalam, (d), Mohammed Ally Msalam, (e), Fahid Mohammed Ali Musalaam, (f), Fahid Muhamad Ali Salem, (g) Fahid Mohammed Aly, (h) Ahmed Fahad, (i) Ali Fahid Mohammed, (j) Fahad Mohammad Ally, (k) Fahad Mohammed Ally, (l) Fahid Mohamed Ally, (m) Msalam Fahad Mohammed Ally, (n) Msalam Fahid Mohammad Ally, (o) Msalam Fahid Mohammed Ali, (p) Msalm Fahid Mohammed Ally, (q) Usama Al-Kini, (r) Mohammed Ally Mohammed, (s) Ally Fahid M). Indirizz: Mombaża, il-Kenja. Data tat-twelid: 19.2.1976. Post tat-twelid: Mombaża, il-Kenja. Ċittadinanza: Kenjan. Numru tal-passaport: (a) A260592 (passaport tal-Kenja), (b) A056086 (passaport tal-Kenja), (c) A435712 (passaport tal-Kenja), (d) A324812 (passaport tal-Kenja), (e) 356095 (passaport tal-Kenja). Numru nazzjonali ta' identifikazzjoni: 12771069 (karta tal-identità tal-Kenja). Tagħrif ieħor: Ikkonfermat li miet fl-1.1.2009.Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 17.10.2001."

(6) L-annotazzjoni "Nessim Ben Romdhane **Sahraoui** (*alias* Dass). Data tat-twelid: 3.8.1973. Post tat-twelid: Biżerta, t-Tuniżja. Tagħrif ieħor: Hu soġġett għat-Tribunal ta' Milan Ordni ta' Kustodja numru 36601/2001 R.G.N.R. tas-17 ta' Mejju 2005 — 7464/2001 R.G.GIP. Tkeċċa mill-Italja fl-2002. Maħrub" taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Nessim Ben Romdhane **Sahraoui** (*alias* (a) Dass, (b) Nasim al-Sahrawi). Data tat-twelid: 3.8.1973. Post tat-twelid: Biżerta, t-Tuniżja. Tagħrif ieħor: Tkeċċa mill-Italja fl-2002. Il-ħabs fit-Tuniżija sa minn Ġunju 2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 2.8.2006."

(7) L-annotazzjoni "Sheikh Ahmed Salim **Swedan** (*alias* (a) Ahmed Ally, (b) Sheikh Ahmad Salem Suweidan, (c) Sheikh Swedan, (d) Sheikh Ahmed Salem Swedan, (e) Ally Ahmad, (f) Muhamed Sultan, (g) Sheik Ahmed Salim Sweden, (h) Sleyum Salum, (i) Sheikh Ahmed Salam, (j) Ahmed The Tall, (k) Bahamad, (l) Sheik Bahamad, (m) Sheikh Bahamadi, (n) Sheikh Bahamad). Titlu: Sheikh. Data tat-twelid: (a) 9.4.1969, (b) 9.4.1960, (c) 4.9.1969. Post tat-twelid: Mombaża, il-Kenja. Ċittadinanza: Kenjan. Numru tal-passaport: A163012 (passaport Kenjan). Numru nazzjonali ta' identifikazzjoni: 8534714 (karta tal-identità Kenjana maħruġa fl-14.11.1996). Tagħrif ieħor: Rappurtat mejjet fil-Pakistan f'Jannar tal-2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 17.10.2001" taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Sheikh Ahmed Salim **Swedan** (*alias* (a) Ahmed Ally, (b) Sheikh Ahmad Salem Suweidan, (c) Sheikh Swedan, (d) Sheikh Ahmed Salem Swedan, (e) Ally Ahmad, (f) Muhamed Sultan, (g) Sheik Ahmed Salim Sweden, (h) Sleyum Salum, (i) Sheikh Ahmed Salam, (j) Ahmed The Tall, (k) Bahamad, (l) Sheik Bahamad, (m) Sheikh Bahamadi, (n) Sheikh Bahamad). Titlu: Sheikh. Data tat-twelid: (a) 9.4.1969, (b) 9.4.1960, (c) 4.9.1969. Post tat-twelid: Mombaża, il-Kenja. Ċittadinanza: Kenjan. Numru tal-passaport: A163012 (passaport Kenjan). Numru nazzjonali ta' identifikazzjoni: 8534714 (karta tal-identità Kenjana maħruġa fl-14.11.1996). Tagħrif ieħor: Ikkonfermat li miet fl-1.1.2009. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 17.10.2001."